



4.7.2011

B7-0454/2011

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni mill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja, il-Jemen u l-Baħrejn fil-kuntest tas-sitwazzjoni fid-dinja Għarbija u fl-Afrika ta' Fuq

**Véronique De Keyser, Hannes Swoboda, Kristian Vigenin, Pino Arlacchi, Emine Bozkurt, Corina Crețu, Rosario Crocetta, Harlem Désir, Richard Howitt, Maria Eleni Koppa, Wolfgang Kreissl-Dörfler, María Muñoz De Urquiza, Vincent Peillon, Carmen Romero López, Boris Zala**  
f'isem il-Grupp S&D

**B7-0454/2011**

**dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja, il-Jemen u l-Baħrejn fil-kuntest tas-sitwazzjoni fid-dinja Għarbija u fl-Afrika ta' Fuq**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja, il-Jemen u l-Baħrejn tas-7 ta' April 2011,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar it-Tuneżija, l-Eġittu u l-Libja,
- wara li kkunsidra r-rapport tiegħu tal-24 ta' Marzu 2011 dwar ir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja u l-Jemen tal-20 ta' Ġunju 2011,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni dwar is-Sirja tat-18, 22, 24 u 26 ta' Marzu; u dwar il-Jemen tal-10, 12 u 18 ta' Marzu 2011, u dwar il-Baħrejn tal-10, 15 u 17 ta' Marzu u tat-3 ta' Mejju,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, Ban Ki-moon, dwar is-sentenzi kontra 21 attivista politiku Baħrejni, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-kapijiet tal-oppożizzjoni tat-23 ta' Ġunju 2011,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2010 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja 2009 u l-politika tal-Unjoni Ewropea fuq dan is-suġġett u fuq ir-rapporti annwali dwar is-sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-dinja,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966, li s-Sirja, il-Jemen u l-Baħrejn huma firmatarji tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni Oħra Krudili, Inumani jew Degradanti tal-1975, li s-Sirja, il-Baħrejn u l-Jemen huma firmatarji tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 u l-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-Istatus ta' Refuġjati,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli u mill-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2011, dwar ir-"Rispons ġdid għal viċinat li qed jinbidel" li tikkompleta l-Komunikazzjoni Konġunta tat-8 ta' Marzu 2011 dwar "Sħubija għad-Demokrazija u l-Prosperità Komuni fin-Nofsinhar tal-Mediterran",
- wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

- A. billi, l-irjiegħ tal-bidla għadhom qed jaħkmu lid-dinja Għarbija; billi d-dimostrazzjonijiet fis-Sirja, il-Jemen u l-Baħrejn għadhom jitolbu għal demokrazija u politika reali, għal riformi ekonomiċi u soċjali, għal għieda kontra l-korruzzjoni u n-nepotiżmu, għall-iżgurar tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, għat-tnaqis tal-inugwaljanzi soċjali u għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali mtejba,
- B. billi l-UE tikkundanna mingħajr riżerva t-tirannija u l-oppresjoni kullfejn iseħħu; billi dawk ir-reġimi li jużaw il-vjolenza kontra nieshom jitilfu l-leġittimità u jeħtieġu jagħtu każ tat-talbiet għall-bidla, jwieġbu b'riformi konkreti jew inkella jħallu l-poter,
- C. billi l-Komunikazzjoni Konġunta dwar ir-rispons għdid għal Viċinat li jinbidel tal-25 ta' Mejju 2011 ħolqot xejra għdida, li taġġorna l-prinċipji bażiċi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, b'mod partikolari l-valuri universali tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, fil-qalba tal-Politika tal-Viċinat filwaqt li tirrifletti l-ħtieġa tal-UE li tappoġġa l-bidla demokratika fl-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani,

## Is-Sirja

- D. billi sa mill-bidu tar-ripressjoni fis-Sirja f'Marzu 2011, il-vjolenza kompliet tikber u l-forzi tas-sigurtà qegħdin jirreaġixxu għall-protesti kontinwi, b'arresti tal-massa u b'żieda fi qtil brutali ta' aktar minn 400 ċittadin fil-provinċja ta' Daara waħedha u ta' aktar minn 850 madwar is-Sirja kollha,
- E. billi l-forzi tas-sigurtà nedew operazzjoni u kampanja militari fuq skala kbira f'Daara u fl-irħula qarib, b'mod partikolari f'Jisr al-Shugour, fejn hu stmat li 15 000 Sirjan kellhom jaqsmu l-fruntiera Sirjana minħabba biża' ta' ritaljazzjoni mill-forzi tas-sigurtà; billi t-Turkija esprimiet tħassib serju dwar l-użu ta' truppi u tankijiet tal-gwerra mis-Sirja ħdejn il-fruntiera minn naħa tas-Sirja; billi numru kbir ta' refuġjati mis-Sirja qegħdin, ta' kuljum, jaqsmu l-fruntiera lejn it-Turkija, u t-Turkija qed tipprova tlaħħaq mal-ħtiġijiet kollha tar-refuġjati,
- F. billi l-Kunsill tat-23 ta' Ġunju adotta deċiżjoni u regolament li jimponi miżuri restrittivi fuq seba' persuni oħrajn li żdiedu mal-lista stipulata fid-9 ta' Mejju li daħħlet miżuri speċjali, bħall-projbizzjoni tal-viża u l-iffriżar tal-assi u impona wkoll embargo fuq l-armi u tgħamir li jista' jintuża fir-ripressjoni interna, kontra l-erba' entitajiet assoċjati mar-reġim Sirjan fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fil-pajjiż,
- G. billi l-President Bashar al-Assad, fit-tielet indirizz tiegħu fl-20 ta' Ġunju 2011, qal li djalogu nazzjonali se jsawwar il-ġejjieni tas-Sirja; billi minkejja li għamli wegħdjet ripetuti għal riformi u bidliet politiċi fis-Sirja, l-awtoritajiet ma ħadu l-ebda pass biex iwettquhom,
- H. billi hemm riskju serju ta' żieda f'attakki vjolenti minn gruppi estremisti; billi huwa importanti li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-komunitajiet reliġjużi differenti fis-Sirja,

## Il-Jemen

- I. billi s-sitwazzjoni fil-Jemen tibqa' waħda ta' tħassib serju wara xhur ta' vjolenza u taqlib li kkawżaw sofferenza sostanzjali fuq il-poplu tal-Jemen, u wasslet għal telf ta' ħajja u ġriegħi

serji, u għall-arrest ta' min ipprotesta, kif ukoll l-iggravar ta' kriżi ekonomika u politika fil-pajjiż,

- J. billi l-GCC nieda pjan għat-tranżizzjoni paċifika tal-poter li għadu ma ġiex implimentat mill-partijiet kollha, kemm mill-President Saleh u kemm mill-oppożizzjoni,
- K. billi matul l-attakki reċenti fuq il-kwartieri tiegħu fit-3 ta' Ġunju, il-President tal-Jemen, Ali Abdullah Saleh, kien ferut serjament u l-poter ġie trasferit temporanjament lill-Viċi-President tal-pajjiż, Abd Rabbuh Mansur Hadi,
- L. billi l-Jemen hu l-ifqar pajjiż fil-Lvant Nofsani bi tnaqqis ta' riżervi taż-żejt, popolazzjoni li dejjem tikber, gvern ċentrali dgħajfef, nuqqas ta' ilma dejjem akbar u b'investiment baxx fl-ekonomija tal-pajjiż, billi hemm tħassib serju dwar id-diżintegrazzjoni tal-istati Jemeniti b'waqfien mill-ġlied fraġli sa minn Frar mar-ribelli Xiti fit-Tramuntana, moviment seċessjonista fin-Nofsinhar u ħafna ġellieda ta' Al Qaeda,

## **Il-Baħrejn**

- M. billi fit-22 ta' Mejju, żewġt irġiel, Ali 'Abdullah Hassan al-Sankis u Abdulaziz 'Abdulridha Ibrahim Hussain, ġew ikkundannati għall-mewt għall-qtil ta' żewġ pulizija tul protesti kontra l-gvern fil-Baħrejn; billi d-deċiżjoni dwar l-eżekuzzjoni tagħhom kienet postposta sa Settembru,
  - billi l-qorti militari fil-Baħrejn issentenzjat 8 attivisti tal-oppożizzjoni għal għomorhom il-ħabs u 13 oħra rċewew sentenzi ta' ħabs sa 15-il sena talli "ikkonfoffaw biex iwaqqgħu l-gvern"; billi bosta attivisti politiċi oħrajn, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ġurnalisti ġew miżmuma tul il-protesti reċenti favur ir-riforma, billi skont l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem dawn ġew ittorturati, trattati ħażin u abbużati,
- O. billi 47 bejn tobbja u infermiera mill-bahrajn kienu akkużati b'"inċitament għat-twaqqiġ tar-reġim bil-forza" u ffaċċjaw ġuri minn qorti militari tal-Baħrejn; billi l-professionisti tal-mediċina mxew skont id-dover professionali u kkuraw lin-nies feruti,
- P. billi fid-29 ta' Ġunju twaqqfet kummissjoni indipendenti mir-Re Hamad sabiex tinvestiga l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem tul ir-ripressjonijiet riċenti tal-gvern kontra dawk li pprotestaw favur ir-riforma,
- Q. billi tnediet konsultazzjoni dwar djalogu nazzjonali fuq inizjattiva tar-Re Hamad Bin Eisa Al Khalifa,
- R. billi fuq talba tal-gvern tal-Baħrejn, ġew skerjati forzi barranin fil-Baħrejn taħt il-bandiera tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf,

## **Id-Dinja Għarbija**

- S. billi l-elezzjonijiet demokratiċi li jmiss fit-Tuneżija u l-Eġittu jirrappreżentaw l-ewwel pass importanti fil-proċess ta' tranżizzjoni kontinwu lejn id-demokrazija,
- T. billi, wara proċess ta' paċi miftuħ, ir-Re tal-Marokk ħabbar l-elementi ewlenin tal-Kostituzzjoni l-ġdida li ġew ivvutati f'referendum fl-1 ta' Lulju 2011,

- U. billi fl-Alġerija, l-awtoritajiet għandhom jieħdu passi lejn djalogu politiku u inklussiv ġenwin biex jitneda proċess serju ta' riformi demokratiċi,
  - V. billi fil-Ġordan l-awtoritajiet nedew proċess ta' rieżami tal-Kostituzzjoni u proċess ta' riforma politika fi sforz li jiżguraw il-parteċipazzjoni fi djalogu nazzjonali tar-rappreżentanti politiċi u tas-soċjetà ċivili,
  - W. billi wara l-adozzjoni tal-UNHCR 1970 u 1973, ir-reġim ta' Gaddafi jibqa' fi ksur kostanti tar-responsabilità tiegħu li jipproteġi ċ-ċittadini Libjani; billi l-komunità internazzjonali, inkluż uħud mill-Istati Membri tal-UE, qed taġixxi militarment fil-Libja taħt il-bandiera tan-NATO; billi l-UE stabbilit r-rappreżentanza tagħha f'Bengażi u wkoll ippromwoviet kuntatti mal-Kunsill Nazzjonali Transitorju,
1. Jistieden lill-mexxejja politiċi fil-pajjiżi Għarab jonoraw l-impenji tagħhom billi jipparteċipaw fi djalogu politiku miftuħ u kostruttiv li jinvolvi l-partiti u movimenti politiċi demokratiċi kollha kif ukoll lis-soċjetà ċivili mingħajr dewmien jew pre-kundizzjoni, hu immirat għat-tħejjija tat-triq għal demokrazija ġenwina, u għall-implimentazzjoni ta' riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali reali, u ambizzjużi, li huma essenzjali għall-istabilità u l-iżvilupp fit-tul f'dawn il-pajjiżi u f'dan ir-reġjun;
  2. Ifaħħar liċ-ċittadini għall-kuraġġ muri fil-ġlieda tagħhom għall-bidla demokratika, b'mod partikolari n-nisa li kienu u spiss jibqgħu fuq quddiem nett tal-protesti;
  3. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri tal-UE jadottaw vuċi unika fil-fora internazzjonali u b'mod partikolari fil-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU, biex jiddefendu l-prinċipji bażiċi li ispiraw il-ħolqien tal-Unjoni Ewropea;

## **Is-Sirja**

4. Jesprimi s-solidarjetà u l-appoġġ qawwi tiegħu favur it-taqbida tal-poplu Sirjan għal-libertà, il-bidliet demokratiċi u t-tmiem tar-reġim awtoritarju;
5. Jikkundanna bil-qawwa l-użu dejjem akbar ta' ripressjoni brutali kontra l-dimostranti paċifiċi u l-ġurnalisti b'kunsiderazzjoni tal-assedju impost fuq bliet bħal Daraa u Jish al Shoughour, inkluż l-arresti tal-massa u l-qtil extraġudizzjarju, id-detenzjoni arbitrarja u t-tortura; jilqa' r-risoluzzjoni tal-Kunsill tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem li tiddeċiedi dwar il-bgħit ta' missjoni ta' ġbir ta' informazzjoni fis-Sirja biex tinvestiga l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem mwettaq milli forzi tas-Sigurtà tas-Sirja;
6. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tas-Sirja u lill-President Bashar al Assad biex itemmu l-qtil ta' persuni innoċenti u biex jipparteċipaw fi proċess politiku immedjat u ġenwin sabiex jikkontribwixxu għal transizzjoni demokratika fis-Sirja msejsa fuq aġenda reali ta' riformi fundamentali u b'rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt;
7. Jitlob l-applikazzjoni stretta tas-sanzjonijiet diġà deċiżi mill-komunità internazzjonali mill-Unjoni Ewropea kontra s-Sirja u l-awtoritajiet ewlenin tagħha; jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jkunu lesti jfasslu sanzjonijiet immirati ġodda u biex iżommu mad-deċiżjoni li jissospendu kull negozjat dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u s-Sirja;

8. Jilqa' l-politika tat-Turkija li żżomm il-fruntieri miftuħa għar-refuġjati Sirjani u l-organizzazzjoni u l-immobilizzar mħaffef tar-riżorsi tan-Nofs Qamar l-Aħmar;
9. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jipprovdu għajna immedjata u kull mezz ieħor meħtieġ biex jappoġġjaw lill-awtoritajiet tat-Turkija u tal-Libanu fl-isforzi tagħhom biex jimmaniġġjaw il-kriżi umanitarja tul il-fruntieri tagħhom mas-Sirja, inkluż bil-ħolqien ta' kuridur umanitarju fil-livell tan-NU, jitlob għal solidarjetà f'fondi u mezzi fil-geštjoni tal-isforzi umanitarji tat-Turkija;
10. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE u lill-HR/VP jkomplu jaħdmu flimkien mas-sieħba internazzjonali għall-parteċipazzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fis-Sirja u għall-infurzar mill-awtoritajiet Sirjani tar-responsabilità tiegħu li jiproteġi l-popolazzjoni tas-Sirja;
11. Jitlob f'dan ir-rigward li l-HR/VP, il-Kunsill u l-Kummissjoni biex iħeġġu l-proċess ta' qawmien tal-oppożizzjoni kemm ġewwa u barra mill-pajjiż f'appoġġ għar-rewwixta Sirjana; jitlob f'dan ir-rigward għat-tnedija urġenti ta' djalogu politiku ġenwin li jwassal għal proċess demokratiku fil-fond fis-Sirja;

## **Il-Jemen**

12. Jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-impenn tal-Viċi President Abd Rabbuh Mansur Hadi li jirrispetta l-waqfien mill-ġlied, id-demilitarizzazzjoni tal-bliet tal-Jemen u biex jiżgura l-protezzjoni għal kull protesta u dimostrazzjoni paċifika oħra;
13. Jikkundanna r-ripressjoni u jħeġġeġ lill-mexxejja tal-Jemen biex jkomplu għaddejjin bi tranżizzjoni politika paċifika fil-pajjiż, bi qbil mal-inizjattiva tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf, u biex jwieġbu għall-interessi leġittimi taċ-ċittadini kif ukoll għall-organizzazzjoni ta' elezzjoni ħielsa u ġusta;
14. Jistieden il-forzi politiċi kollha jerfgħu l-impenji tagħhom billi jinvolvu ruħhom fi djalogu politiku kostruttiv u trasparenti li jinkludi l-partiti politiċi demokratiċi kollha u l-movimenti kif ukoll is-soċjetà ċivili;
15. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni umanitarja dejjem aktar ħażina fil-Jemen, inkluż iċ-ċaqliq intern ta' bosta eluf ta' nies;
16. Jinsisti dwar l-implimentazzjoni ta' riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali reali, ambizzjużi u sinifikanti, li huma essenzjali għall-istabilità u l-iżvilupp fit-tul tal-pajjiż;

## **Il-Baħrejn**

17. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Baħrejn biex jibdli s-sentenzi tal-mewt ta' Ali 'Abdullah Hassan al-Sankis u ta' 'Abdulaziz 'Abdulridha Ibrahim Hussain; jitlob lill-awtoritajiet tal-Baħrejn biex jerġgħu jdaħħlu d-de facto moratorium fuq il-piena kapitali;
18. Jikkundanna r-ripressjoni u jħeġġeġ il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tad-dimostranti paċifiċi kollha inkluż l-attivisti politiċi, ġurnalisti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tas-47 tabib u infermiera mill-Baħrejn li kienu qegħdin iwettqu d-dover

professionali tagħhom; jesprimi t-tħassib serju tiegħu fuq is-sentenzi ta' għomor il-ħabs għat-8 attivisti tal-oppożizzjoni u għat-13 l-oħra li rċevew sentenzi sa 15-il sena l-ħabs;

19. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Baħrejn biex jaġixxu bi qbil strett mal-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, li tagħhom il-Baħrejn hu firmatarju, b'mod partikolari rigward id-dritt għal proċess ġust; jitlob għat-tmiem minnufih tal-proċessi ta' ċittadini fil-Qorti ta' Sikurezza Nazzjonali;
20. Jieħu nota tad-deċizzjoni tar-Re Hamad li joħloq kummissjoni indipendenti li tinvestiga l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem tul ir-ripressjonijiet reċenti mill-gvern kontra dimostranti favur ir-riforma; iħeġġeġ l-imparzjalità u t-trasparenza totali tal-Kummissjoni u jistieden lill-gvern tal-Baħrejn ma jindaħalx f'ħidmietha;
21. Jilqa' l-ħolqien ta' Ministeru għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Iżvilupp Soċjali fil-Baħrejn u jitlob lill-Ministeru jaġixxi skont l-obbligi u l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;
22. Jappoġġja bil-qawwa d-deċizzjoni tar-Re Hamad li jneħħi l-istat ta' emerġenza fil-pajjiż fl-1 ta' Ġunju u jitlob ir-rispett sħiħ tiegħu, milli juża l-vjolenza kontra d-dimostranti, u biex jirrispetta l-libertà ta' assoċjazzjoni u espressjoni tagħhom u biex jiggarantixxi s-sigurtà tagħhom;
23. Iqis li d-djalogu nazzjonali mniedi mir-Re Hamad jista' jseħħ biss bil-parteċipazzjoni tal-forzi politiki kollha inkluż tal-oppożizzjoni u s-soċjetà ċivili immirati għat-tfassil ta' demokrazija u riformi politiki ġenwini fil-pajjiż;
24. Jesprimi d-disapprovazzjoni tiegħu fuq l-użu ta' truppi tal-GCC fil-Baħrejn u jtenni t-talba tiegħu għall-irtirar immedjat tagħhom;
25. Iħeġġeġ lill-gvern tal-Baħrejn biex jiggarantixxi r-rispett sħiħ għal-libertà ta' reliġjon fil-pajjiż;

### **Id-Dinja Għarbija**

26. Jilqa' l-proċess kontinwu ta' tranżizzjoni demokratika fl-Eġittu u fit-Tuneżija, bħala l-ewwel eżempji tal-proċess ta' demokratizzazzjoni attwali u tal-mewġa l-ġdida ta' parteċipazzjoni miċ-ċittadini, u b'mod speċjali taż-żgħażaġh fid-dinja Għarbija; jappoġġja bil-qawwa l-aspirazzjonijiet tal-poplu għal-libertà, id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; jitlob proċess elettorali trasparenti, ġust u ħieles fiż-żewġ pajjiżi; jistieden lill-komunità internazzjonali twettaq aktar sforzi biex issostni u tħeġġeġ il-proċess ta' riforma politika fil-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq u fil-Lvant Nofsani;
27. Jilqa' r-referendum għal Kostituzzjoni ġdida fil-Marokk, li jirrappreżenta pass 'il quddiem sinifikanti u jixhed impenn ċar lejn id-demokrazija u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u kien vot leġittimu miċ-ċittadini; jenfasizza li ċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jibqgħu fil-qalba tal-proċess kontinwu ta' implimentazzjoni tar-riformi;
28. Jinnota l-aħbar tal-President tal-Alġerija dwar it-tnedija ta' proċess ta' tħejjija għad-demokratizzazzjoni u biex jiżgura governanza aħjar tal-pajjiż, inkluż it-tneħħija tal-istat ta'

emerġenza u tar-riforma kostituzzjonali ppjanata; jenfasizza l-ħtieġa li titħaffef din l-inizjattiva u jitlob impenn qawwi mill-awtoritajiet tal-Alġerija għal dan il-proċess ta' riformi, li għandu jkun iklussiv u miftuħ għas-soċjetà ċivili;

29. Jilqa' l-impenn tal-awtoritajiet tal-Ġordan għal riformi politiċi, u b'mod partikolari l-aħbar tar-rieżami tal-Kostituzzjoni u l-ħidma tal-Kumitat ta' Djalogu Nazzjonali; ifaħħar l-isforzi mwettqa mill-awtoritajiet tal-Ġordan u jenfasizza l-ħtieġa għall-implimentazzjoni reali tar-riformi;
30. Hu mħasseb dwar id-diffikultajiet iffaċċjati mill-popolazzjoni tal-Libja, minħabba nuqqas ta' ikel, nuqqas ta' aċċess għal għajnuma medika u n-nuqqas ta' flussi ta' kapital fis-salarji u bħala tweġiba għall-ħtiġijiet amministrattivi differenti; jitlob lill-HR/VP u lill-Istati Membri tal-UE jaġixxu minnufih biex jipprovdu lit-TNC b'parti mill-assi Libjani ffriżati, b'awtorizzazzjoni u taħt is-superviżjoni tal-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU għas-Sanzjonijiet, sabiex jiġu żgurati l-bżonnijiet ta' emerġenza;
31. Jistieden lill-Kunsill u lill-HR/VP biex jieħdu aktar inizjattivi biex tinstab soluzzjoni għall-kunflitt b'kunsiderazzjoni tal-mandat ta' arrest reċenti tal-QKI kontra l-Kurunell Gaddafi, ibnu Saif al-Islam u Abdullah al-Sanussi;
32. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarjiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-pajjiżi membri tad-delegazzjoni tal-Magreb u tal-Maxreq u tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf, u l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU.